**24 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Maria Cassar pr. et ne.

*versus*

Giuseppe Apap et.

**Krediti Ereditarji — Konsorzju — Diviżjoni — Art. 1156(2) u 987 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm, skond il-liġi, il-krediti bejn il-werrieta tal-kreditur huma diviżibbli fil-kwoti li jmisshom, huma għandhom jaġixxu flimkien għall-eżazzjoni tal-krediti ereditarji u komuni; u mhux leċitu li jaġixxu separatament għal sehemhom biss.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet li l-konvenut issellef minn għand Carmelo Cassar, raġel mejjet tal-attriċi, is-somma ta' £250, u kellu jagħtieh £77.2.0d. ta' xogħol ta' ġebel u taħmil f'garage; u illi l-istess Carmelo Cassar kien ħallas

fl-interess tal-konvenut diversi sommom minnu dovuti fl-ammont ta' £145. 5. 1d, skond il-prospett "A" anness maċ-ċitazzjoni; u illi minn dawn il-flus kollha, ċjoè £472. 7. 1d, l-attriċi personalment għandha £236. 3. 6d u wliedha minuri għandhom żewġ partijiet minn sebgħa (/), sive £67. 9. 6d, bejniethom, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, l-ewwel waħda bħala kwota tagħha tal-komunjoni tal-akkwisti ma' Carmelo Cassar, l-oħrajn bħala eredi tiegħu minn sebgħa; talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi s-somma ta' £303. 13. 0d, jew somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, li tirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; bl-interessi legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza spedit fid-9 ta' Diċembru 1954;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 1958 (fol. 32), fejn il-konvenuti eċċepew illi ċ-ċitazzjoni hija magħmula ħażin, għaliex l-atturi ma talbux qabel xejn il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju tal-mejjet Carmelo Cassar, u għalhekk il-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali fuq verbalizzata;

Illi, għalkemm fuq din l-eċċezzjoni kellu jirrelata, u effettivament irrelata, il-perit legali, iżda l-konvenuti ma ħallsux, kif kien imisshom, il-kompetenzi tiegħu, u għalhekk, proprjament, il-Qorti tista', skond l-art. 670 tal-Proċedura Ċivili, tiddeċidi l-kawża mingħajr il-perizia. Dan, però ma jfissirx illi l-Qorti, jekk jidhrilha li hu xieraq għar-regolarità tal-proċeduri li tinvesti l-meritu ta' dik l-eċċezzjoni, tinsab b'xi mod prekluża minn dan il-poter affidat mil-liġi "għad-diskrezzjoni" tagħha. U l-Qorti, in vista' taċ-ċirkustanzi tal-każ, hija tal-fehma li għandha tieħu konjizzjoni tal-imsemmija preġudizzjali;

Illi mhux kontestat illi l-krediti in kwistjoni kienu jappartjenu lil Carmelo Cassar, li miet fis-26 ta' Settembru

1954, u illi huwa kien iżżewweġ darbtejn, l-ewwel darba ma' Rosina, li minnha kellu ħames titfal, fosthom il-konvenuta Giuseppa Apap, u t-tieni darba mal-attriċi, li minnha kellu żewġt itfal, Carmelo u Vittoria, li qegħdin jidhru fiċ-ċitazzjoni bħala tnejn mis-sebgħa eredi tal-imsemmi Carmelo Cassar. Ma ġiex pruvat illi l-wirt tal-istess Carmelo Cassar ġie likwidat u diviż skond il-liġi, lanqas għar-rigward tal-krediti in kwistjoni, u għalhekk sal-lum ma jistgħax jingħad jekk l-attriċi, bħala konsorti fil-koakkwisti konjugali. u ż-żewġ uliedha, imisshomx il-kwota minnhom reklamata ta' dawk il-krediti;

Illi veru li skond l-art. 1156(2) tal-Kodiċi Ċivili l-krediti bejn il-werrieta huma diviżibbli fil-kwoti li jmisshom, iżda din id-dispożizzjoni għandha tiftiehem dejjem kompatibbilment ma' dispożizzjonijiet oħra tal-istess Kodiċi. Difatti, skond l-art. 987, wieħed mill-effetti tal-qasma huwa illi l-werriet hu magħdud li hu possessur waħdu u dirett fil-beni li jagħmlu s-sehem tiegħu; u skond l-art. 541. magħmul applikabbli għad-diviżjoni tal-wirt mill-art. 948, fil-kompożizzjoni tal-kwoti tal-kondividenti jidħlu anki l-krediti. Dan ifisser li l-krediti ereditarji ma jinqasmux "ipso iure", imma biss bħala effett tad-diviżjoni li ssir bejn l-interessati jew bonarjament jew bil-Qorti. Tant hu hekk illi l-liġi ħolqot l-obligu bejn il-kondividenti tal-garanzija f'każ ta' insolvenza tad-debitur tal-wirt. (art. 991 Kod. ċit.);

F'dan ir-rigward, fil-komment tiegħu tal-art. 1204 tal-Kodiċi Ċivili Taljan (korrispondenti għall-art. 1156 tal-Kodiċi Malti). Giuseppe Piola josserva:— "Colle parole 'le porzioni loro spettanti . . . . . come rappresentanti del decujus' il legislatore non ha voluto riferirsi alla porzione ideale che ciascun partecipante ha nella comunione, ma alla porzione reale che a ciascun coerede viene assegnata nella divisione; porzione reale. per la quale. ai termini dell'articolo 1034 del Codice Civile. ciascun partecipante è reputato solo ed immediato successore del decujus" (Digesto Italiano. Successione, Azioni Ereditarie, §24, paġ. 599, col. 1ma.);

Ma jistgħax, għalhekk, jiġi segwit is-sistema tad-

Dritt Ruman; għaliex taħt dak is-sistema l-krediti, b'liġi espressa, kienu esklużi mill-proċeduri tad-diviżjoni. "Nomina (haereditatis) non veniunt in judicio familiae erciscundae" (Leg. 2 § 5; L. 3 D. *fam. ercis.*);

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza illi, waqt l-indiviżjoni, il-konsorti jew il-ko-eredi jridu, għall-eżazzjoni tal-krediti, jaġixxu "flimkien" (v. Ricci, Diritto Civile, Vol. IV, §114); u mhux leċitu li huma jaġixxu għal sehemhom biss (ara f'dan is-sens P.A. 1 ta' Frar 1957, in re "Hili vs. Cilia", u P.A. 7 ta' Ottubru 1957, in re "Dr. Alberto Ganado ne. vs. Antonio Friggieri");

Illi konsegwentement l-azzjoni hija proposta ħażin;

Illi l-kap tal-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi, xieraq li jiġi moderat; difatti, . . . . . ;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara illi l-azzjoni tinsab proposta ħażin;

U konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru u l-ispejjeż relattivi għall-perizji jitħallsu bin-nofs.